MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 433/2010

**Go plc (C-22334)**
**Vs**
**Brenda Bonello (K.I. 372794M)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija w erbghin ewro u disgha u sittin centezmu (€1340.69) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizzi ta' telekommunikazzjoni li jgibu l-akkont numru 40017512 u 40099777 skont diversi kontijiet mibghuta lilha, u skont id-dokumenti hawn annessi: 'IZY1' prospett ghas-servizz relattiv u 'IZY2' ftehim dwar is-servizz telefoniku; illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimata fejn eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati ghaliex dawk l-ammonti diga thallsu; bl-ispejjez.
Ra x-xhieda ta' Brenda Bonello;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra l-verbal tas-seduta ta 30 ta' Marzu 2012 fejn it-talba giet differita ghas-sentenza *in diffetto ostakolo.*

**Ikkunsidera:**
Illi din it talba hija ghal-pagament ta' servizzi ta' teklekomunikazzjoni pprovduti lill-konvenuta. Illi l-konvenuta kkontesatat il-fatt li dawn ma thallsux.
Mill-provi jirrizulta li s-servizzi gew pprovduti fis-snin 2005 sa 2009, skont prospett anness mal-avviz tat-talba (ara fol. 2 u 3 tal-process). Is-socjeta' attrici ukoll ipprezentat il-ftehim ghas-servizz telefoniku iffirmat mill-istess konvenuta fis-sena 2003.
Mix-xhieda tal-konvenuta jirizulta illi dan is-servizz kien mqabbad mal-post li kellha f'Hal-Tarxien. Xehdet illi hallset l-ammonti dovuti lis-socjeta attrici *circa* tlett snin qabel pero ma zammitx l-ircevuta ghaliex kienet marret tghix f'post iehor f'Birzebbuga. Iddikjarat ukoll illi marret toqghod f' Birzebbuga ghaliex kienet partet id-dar f'Hal Tarxien ma' dar f'Birzebbuga u ghalhekk kellha bilfors thallas il-pendenzi kollha. Il-konvenuta ddikjarat l' ilha toqghod Birzebbuga dawn l-ahhar erba' (4) snin, u li applikat ghas-servizz tat-telefon imma dawn ma tawhiex telefon ghaliex qalula li kellha kont pendenti.
It-Tribunal jinnota illi, apparti d-dokumenti pprezentati mal-Avviz, s-socjeta attrici ma resqitx rapprezentanti taghha biex jixhdu dwar l-ammont mitlub u biex jikkonfermaw li l-istess ma thallasx u li ghadu dovut. Jinnota ukoll illi ma sarx kontro-ezami tal-konvenuta. It-Tribunal jhoss illi kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li ggib provi li l-ammont mitlub huwa dovut u li baqa' ma thallasx. Ghaldaqstant it-Tribunal jikkonsidera li s-socjeta' attrici ma gabitx il-provi necessarji in sostenn tat-talba taghha specjalment fid-dawl tax-xhieda u kontestazzjoni tal-konvenuta.
Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jirrespingi t-talba attrici u tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------